# L-IMNARA

UNIVERSITY OF MALTA
MELITENSIA
LIBRARY



MAHRUG MILL
GHAQDA MALTIJA TAL-FOLKLOR

# L - IMNARA

BULLETIN TAL-GHAQDA TAL-FOLKLOR MALTI

No. 1 GUNJU 1978

UNIVERSITY OF MALTA MELITENSIA MAIN LIBRARY

WERREJ


| | | |
|---|---|---|
| XI AHBARIJIET FOLKLORISTICI | GUIDO LANFRANCO | 2 |
| FOLKLOR FIL-MEDICINA | DR. CHARLES CASSAR, M.D. | 7 |
| ATTIVITAJIET TAL-GHAQDA TAL-FOLKLOR MALTI | | 11 |
| FOLKLOR FUQ IL-KARROZZI TAN-NAR | RAFEL BONNICI-CALI | 13 |
| ENTERTAINMENT, PAST AND PRESENT | DR. V. M. PELLEGRINI, LL.D. | 18 |
| RECENT BIBLIOGRAPHY OF INTEREST TO MALTESE FOLKLORISTS, (AN UNCLASSIFIED LIST) | GUIDO LANFRANCO | 23 |


EDITORIAL BOARD: MR. ARTHUR LEAVER, MR. GUIDO LANFRANCO,
DR. V. M. PELLEGRINI, LL.D.

KORRESPONDENZA U MATERJAL GHALL PUBBLIKAZZJONI GHANDHOM JIGU INDIRIZZATI, c/o 78, ST. TROPHIMUS STREET, SLIEMA, MALTA

UNIVERSITY OF MALTA MELITENSIA MAIN LIBRARY

1394

# XI AHBARIJIET FOLKLORISTICI

minn Guido Lanfranco

Ismijiet ta' Toroq Niehdu gost naraw li f'Santa Venera, H'Attard, qed jinghataw ismijiet tat-Toroq, bi sfond folkloristiku; fosthom insibu toroq imsemmija Buttar, Sillar, Haddied, Bronzier, Sienja, Mingel, Luqqata, Dawwara, Mohriet, Sikka, Luh, Fies, Dorga, Midra, Zir, Hammiela, Pitkali, ecc.. (ara Gazzetta tal-Gvern 10-3-78).

L-Irxoxt fil-Mosta saret processjoni ghall-ewwel darba fis-sena, 1976 bi statwa maghmula minn Glormu Dingli, u kienet akkompanjata minn nies libsin kostumi biblici.

Il-Karozzin f'Ghawdex li kien gheb minn Ghawdex xi hmistax il-sena ilu, raga kellu applikazzjoni wahda minn ragel, wiehed, fl-1976.

Kompetizzjoni tal-Pupi ghat-tfal, fejn juruhom bl-ahjar libsa, saret San Anton mill-Azzjoni Kattolika, (fost affarijiet ohra), f'April 1977, u 1978

Wenzu u Rozi karattri mahluqa minn Gorg Zammit, ghamlu success f'serje ta' l-istess isem, fuq it-televizzjoni maltija, 1977-1978; minhabba din il-propaganda dehru wkoll maskri grotteski taghhom fil-karnival, f'Malta u Ghawdex, din is-sena (1978).

It-Tlielaq taz-Zwiemel ix-Xewkija, Ghawdex, li kellhom isiru f'nhar San Gwann Gunju 1975, kienu gew imhassra minhabba l-marda ta' l-annimali, ta' l-ilsien u d-dwiefer, u it-tlielaq ta' l-imnarja ta' l-istess sena jienu gew trasferiti ghall-istess raguni, minn Gunju ghall-Awwissu.

Pellegrinagg mhux tas-soltu sar f'haz-Zabbar, fit-25 ta' Ottubru, 1975, bl-istatwa tal-Madonna tal-Grazzja, wara li kien waqa' ajruplan Vulkan fl-14 ta' Ottubru 1975, u ghamel stragi f'Haz-Zabbar, u attendew elif ta' nies, bhala hajr li ma kienx akbar l-istragi.

San Gorg f'Ghawdex raga' kellu il-festa tieghu f'Viktorja, ghall-ewwel darba wara' tmien snin, f'Settembru 1975; din il-festa kienet waqfet minhabba xi tilwim parrokkjali, li issa raga' gie imsewwi.

L-Ewwel Zwieg Civili wara it-tibdil fil-ligi lokali, sar fil25 ta' Settembru 1975; il-ligi ghaddiet fit-12 ta' Awwissu 1975.

1395

Kompetizzjoni tat-Tajr Bdew isiru f'ta' Qali, organizzati mir-Round Table Malta, fl-1977 u fl-1978; ta' l-ahhar giet sponserjata mill-Air Malta; it-tajr stghu ikunu ta' kull xorta, u minn kull materjal.

Loghob Ghall-Kulhadd beda jsir recentement minn Ghadqa mwaqqfa apposta, f'dawn l-ahhar tlet snin, u jilghabu rahal kont ra iehor.

Bolli Maltin Folkloristici. Sett li hareg fi Frar 1976 bit-tema Folklore Malti f'4 bolli, u juri Dekorazzjonijiet fil-festi, Mnarja, Karnival, Gimgha l-Kbira. Sett iehor li hareg f'Lulju 1976, juri snajja maltin f'zewg bolli, wahda turi xoghol tal-bizzilla, u l-ohra xoghol tal gebel. Dawn minbarra dik ezistenti taz-2 centezmi fis-sett definittiv, .i turi mohriet.

Il-Qirew, ikla antika li issir fil-berah, saret Ghawdex b-ilbies apposta, ir-Rabat, f'Lulju 1976.

Il-Karnival, dawn l-ahhar ftit snin, kien beda jsir f'nofs mejju minflok fi zmienu; izda minn din is-sena, (1978) inqatghu ghall-ewwel darba it-Tnejn u it-Tlieta, u dahlet il-Gimgha fil-ghaxija; is-sibt u l-hadd baqghu l-istess.

Id-Dar ta' Karmela Grima, hdejn ta' Pinu, Ghawdex, tbierket bhala muzew, mill-isqof t'Ghawdex, fid-19 ta' Dicembru 1978, u ghandu valur folkloristiku, ghax fih materjal li kien komuni fid-djar maltin ta' l-imghoddi.

Ezibizzjonijiet Is-snin 70 raw diversi wirjiet folkloristici ta' interess uniku. L-ewwel wahda irganizzata mill-Ghaqda tal-Folkor Malti kienet saret f'April 1971, fejn keinhemm minn kollox, ghall kull aspett mill-hajja Maltija ta' l-imghaddi. Il-Petrolea ta' Triq merkanti kien wera bosta oggetti tal-kcina maltija fl-antik, fil-vetrina tieghu, f'Awwissu 1969; Fl-1972, fil-Kullegg ta' l-Edukazzjoni, ta' Giorni, f'Gunju, keinhemm wirja kbira ta' Wirt Missirijietna' organizzata mill-istudenti ghalliema. It-Teini wirja mill-Ghaqda tal-FolklorMalti, saret ukoll fil-Muzew Nazzjonali, din id-darba dwar 'Il-Weghda fil-Folklor', Lul.-Aww. 1974 Iz-Zebbug Youth Movement kienu ghamlu wirja kbira tal-Folklor Malti, migbura minn materjal f'Haz Zebbug, din saret f'Ottubru 1974. It-tielet wirja kbira li saret lill-Ghada tal-Folklor Malti kienet dwar kostumi u l-bies antiki Maltim, fil-Muzew Nazzjonali, Gunju 1976. Fl-istess sena saret wirja kbira ohra f'Paceville fis-Sala tal-Bon Konsill, F'Gunju-Lulju 1976; f'Ottubru 1977 saret wirja fil-knisja l-qadima

tas-Salvatur, Hal-Lija, fejn intwerew 180 tpingijiet mis-Sur Rafel Bonnici Cali' dwar kostumi u drawwiet Maltin tal-Imghoddi. Bhala parti mill-wirja li ghamlu il-Hobbies Society fil-Hamrun, f'Novembru 1976, kienhemm sezzjoni iddedikata ghall materjal folkloristiku. F'Dicembru 1976, fic-Centru Parrokkjali, kienhemm wirja kbira dwar 'Folklor Mellieħi', organizzata mill-Wirt Storiku Mellieħi.

<u>Kalendarji Folkloristici</u> Fis snin 70 dehru wkoll diversi kalendarji ta' interess ghall-istudjuzi tal-Folklor lokali.

1972: Malta Over a Century Ago from Contemporary paintings; St.Jos.Home.
1973: 4 Typical Maltese 18th Century Scenes by Brockdorff(St.Joseph's Home.
1974: 4 Maltese 18th & 19th Century Scenes by local artists, as Schranz, Gianni, and others. (St. Joseph's Home, Hamrun)
1974 Kalendarju ta' Malta; minn pittura ta' Caruana Dingli, pariri mill-Ghaqda tal-Folklor Malti; (Union Press, Valletta).
1976 Malta Calendar, C.F.Brocktorff; Union Press, Valletta.
1977 Wayside Chapesl, Giov.Muscat, Valletta
1978 Local Folklore Calendar(Folklore Malti); 6 pict.Raf.Bonnici Cali;St.Jos.H.
1979 Malta Calendar, Maltese Costumes by Michele Bellanti; Promotions Services.

<u>Kungress Internazzjonali</u> dwar Kultura tal Mediterran tal-Punent sar ghat-tieni darba f'Malta mit-23 sat 28 ta' Gunju 1976, fl-Universita' ta' Malta; dan kellu ghall-ewwel isir Spanja.

<u>Il-Folklor fi stil modern</u> qed jintuza ghal diversi skopijiet; dan mhux il-folklor spontanju li wiehed jistudja biex jifhem ahjar il-hajja tal-bniedem, izda fih biss sfond folkloristiku imsawwar f'attivita' moderna. Fosthom insemmi: Malta Folk Song Contest(24-1-76); kant folkloristiku mil-'Bambinu' u daqq ta' banda qabel meeting politiku(31-1-76); Lejla Folkloristika fiz-Zejtun lejlet San Girgor(April 1976); ir-Raba' Folk Song Festival mill-Youth Travel Circle(29-5-76); tip ta' lbies 'Folk style'(Oct.1976); Gypsy Fiesta mis-Sliema Lions Club(19-11-76); Folk Festa l-Imdina, (19-11-76) ghad-delegati ta' l-Europa Forum; Kant folkloristiku fil-kazin tal-banda ta' Haz-Zebbug, minn 'Kalora' u 'il-Fellusu'(18-3-78); Folklore Evening organizzat min-National Festivities Committee, fil-Buskett, fl-okkazjoni ta' l-Imnarja(25-6-77).

1397

Il-Folklore Malti f'Artijiet Barranin dawn iz-zminijiet qed isir minhabba li bosta maltin hallew arthom u jghixu barra izda baqghu influwenzati middrawwiet ta' missirijiethom, u wkoll minhabba kuntatti turistici bejn pajjiz u iehor; hawn insemmi izempji ta' okkazjonijiet bhal dawn. L-Awrora Folk Group ta' Ghawdex mar jippartecipa fil-Letterkenny International Folk Festival, fl-Irlanda, f'Awwissu 1975; Folk Invasion, film maghmul minn Mario Philip Azzopardi intwera fil-Commonwealth Institute, Londra, (19-1-76); Il-Festa ta' San Pawl Nawfragu giet iccelebrata fil-knisja Agostinjana f'La Goulette, it-Tunesija (1976) Saret Malta Carnival Week, f'Cambridge, l-Ingilterra, (Jannar 1977); Ghallewwel darba fic-celebrazzjonijiet afficjali fl-Istati Uniti, malta ippartecipat fil-200 anniversarju tal-Amerka, permezz ta' Float sponserjat mill-kunsill ta' organizzazzjonijiet Maltin Kanadiz-amerikan, f'Michigan. (1976); Il-Folk Group Ghawdxi 'Astra', ippartecipa fil-Festival of Traditional Songs of Mediterranean Islands, li sar fir-Riviera Franciza, mic-Centru Kulturali ta' Chateauwallon (6 sa 8-8-76); Il-Folklore Group 'Viva Malta' marru il-Libja biex jippartecipaw fis-seba anniversarju tar-Repubblika Libjana (28-8-76); Rapprezentanti min-National Festivities Committee marru Sqallija beix jattendu il-Folklore Festical annuali li jsir f'Agrigento, fuq skala internazjonali; marru ukoll biex jirraprezentaw lill-Malta fil-Kungress Internazjonali ta' Studji Folkloristici li jsir bis-sahha tal UNESCO Art Council. (Frar 1977); Kontingent ta' tfal Maltin marru jippartecipaw fil-Festival ta' Letterkenny ta' l-Irlanda; dawn kienu it-Tolentine Choir ta' Hal Tarxien, ta' l-Agostinjani, u libsu lbies folkoristiku biex ikantaw ghana Maltija. (April 1977); Il-Maltese in Toronto Club stiednu lil-Bambinu biex imur ikanta f'Toronto (Lulju 1977); 'La Stella' Band Club, u l-Astra Folklore Group, ta' Ghawdex, marru Como, l-Italja, u Lugano l-Izvizzera, biex jaghmlu programmi hemmekk. (Awwissu 1977); Il-Grupp Folkloristiku 'Awrora' tal-Ghaqda Muzikali Leone ta' Ghawdex, ippartecipaw fid-disa' Festival Internazzjonali tal-Arti Popolari li sar f'Kartagni, fit-Tunezjja. (10 sa 17-7-77) Eluf ta' Maltin Awstraljani attendew il-Festi tal-Vitorja fi Greystanes (Sett. 77) Bdiet issir quddiesa bil-Malti nhar il-festa ta' San Pawl Nawfragu il-quddiem, kull nhar ta' Gimgha, fil-Kappella ta' St. Patrick, Tripli, il-Libja. (Frar 1978) Il-Maltin ifakkru il-festa ta' San Pawl Nawfragu fl-Awstralja (ez. Frar 1978 f' Hadfield, Victorja); Festi tal-Gimgha l-Kbira isiru mill-Maltin ta' Toronto; (78) F'Mejju 1978, gew organizzaturi minn Somerset biex jistiednu l-Maltin jippartecipaw fil-Karnival ta' hemmekk, f'Novembru.

Folklore Barrani f'Malta jikkonsisti principalment f'zifniet tradizzjonali tal-barranin li jigu hawn fuq principji kulturali, u l-aktar mistiedna ghall-karnival Malti. Hawn naghti xi ezempji:

Grupp folkloriztiku Erkel Ferenc Emsemble ta wirjiet f'Malta u Ghawdex, (Apr. '78)
Il-Grupp Folkloristiku Libjan Gharbi ta wirjiet f'Misrah il-Helsien, il-Belt, biex jikkommemora it-tieni anniversarju tar-Repubblika Maltija (Dicembru '76)
Bavarian Oktoberfest hija festa ta ikel, birra u folk germaniz, li saret l-ewwel darba f'Malta fl'1975, u kompliet issir 1976, u 1977, f'Ottubru.
Cerimonja tradizzjonali svediza, dwar Santa Lucia, saret f'Malta 1975, 1976, 1977.
Mill-1957 s'issa, il-Kumitat Festi Nazzjonali beda jgib gruppi folkloristici barranin biex jippartecipaw fil-karnivall Malti, bhalma huma gruppi Russi, Yugoslavi, u minn Dubrovnik(1976), u ohrajn minn Finlandja, Italja u Pollakki (1977), ecc. Il-Karnival qabel kien isir qabel ir-Randan, izda dan l-ahhar gie trasferit ghall-Mejju, biex aktar jilhquh it-turisti.

Il-Festi Pubblici dawn l-ahhar snin, tnaqqru sewwa, baqghu biss l-ewwel tas-sena, il-Gimgha l-Kbira, l-ewwel ta' Mejju, Santa Marija fil-hmistax ta' Awwissu, Jum ir-Repubblika fit-tlettax ta' Dicembru, u l-Milied. Il-gvern kien ukoll iddecieda li il-festi kmandati tal-knisja, li qabel kienu jitqiesu ukoll bhala festi pubblici, jibdew jigu iccelebrati is-sibtijiet u l-hdud. Il-Kniska madankollu ghadha zzomm bhala festi ta' obbligu ghad-devozzjonijiet ta' gewwa, Tbiddlu ukoll il-festa tal-jum nazzjonali, u ohrajn. Fis-sbatax il-seklu kienhemm 32 festi kmandati minbarra il-hdud!

Radju u Televizzjoni ikkontribwew tul is-snin 70 b'diversi programmi ta' interess folkloristiku. Fuq ir-radju ta' min ifakkar l-aktar ix-xoghlijiet ta' Pawlu Cachia, 'Bejn Drawwa u Grajja', li koprew bosta aspetti. Pawlu Cachia miet fl-1974, wara li spiccaw il-programmi tieghu fl-1973. Fuq it-televizjoni, l-aktar li kellna ta' nteress varjat kienu il-programmi ta' 'Wirt Artna', li pprezenta Charles Coleiro.

---

# FOLKLOR FIL-MEDIĊINA

MINN

DR. CHARLES CASSAR, M.D.

Bħala tabib jixraq li ngħidilkom ukoll fuq il-folklor mediku. Billi Malta u Għawdex huma pajjiż kattoliku mija fil-mija, kull meta laħaqna xi hemm, dejjem dorna għall-Qaddisin.

Hekk għandna l-Purċissjoni ta' San Girgor f'Malta u f'Għawdex li tfakkar il-Pesta tal-1519; il-knejjes li jinstabu f'dawn il-Gżejjer għal San Rokku, minħabba l-Pesta tal-1592/1593; u l-Purċissjoni li toħroġ minn San Gwann fit-8 ta' Diċembru, li tmur Sarria tfakkarna fil-marda tal-Pesta tas-sena 1675, 1676. F'Għawdex insibu l-Purċissjoni ta' Sant' Ursola li tinżel mill-Kattidral għall-Basilika ta' San Ġorġ minħabba l-Pesta tal-1813.

Għall-Qaddis San Blas insibu ukoll knejjes żgħar f'dawn il-gżejjer, li huma f'ġieħ dan il-Qaddis. Il-Maltin kienu jitolbu lilu biex dan jeħles lit-tfal mill-mard tal-griżem. San Ġiljan ukoll kien ikollu ħafna x'jagħmel biex iħares lit-trabi mill-mard tar-Rakitizmu, mis-solgħa konvulsiva u mill-marda tal-Biċċa. Għalhekk it-tfal kienu jittieħdu fil-bajja ta' San Ġiljan. Hawnhekk kienu iħaffru ħofra fir-ramel u mbagħad kienu jniżżlu lit-trabi fir-ramel għal ftit żmien.

Jiena niftakar drawwa f'Għawdex fejn it-trabi morda kienu joħduhom fil-Knisja tal-Kunċizzjoni, Ras il-Qala fejn hemm il-qabar ta' San Kurradu u hemm kienu jniżżluhom fuq dan il-qabar. Din id-drawwa kienet issir ukoll iż-Żurrieq fil-Knisja ta' San Ċir.

Drawwa oħra kienet dik tat-tbaħħir bil-weraq tas-siġar taż-żebbuġ, li kien jiġi mbierek f'Ħadd il-Palm. Kienu ibaħħru lit-trabi biex dawn jiġu meħlusa mill-għajn u mill-mard. Meta tifel kien jieħu xi qatgħa, u wara kien jibqa jtemtem, l-ewwel kienu ituħ l-inbid bil-faħma fih. Wara kienu jieħduħ għand il-qassis biex jaqralu fuq rasu. Drawwa oħra kienet li meta tiġieġa tidden bħas-serduk, għandu imut xi ħadd minn niesna, għalhekk għonq it-tiġieġa tmissu s-sikkina minnufiħ.

Nsibu wkoll xi drawwiet marbuta ma l-ewwel tas-sena. Kienu jwaddbu t-trab bil-ġir fl-ewwel tas-sena mall-għadba tal-bieb biex ibiegħdu l-għajn u l-mard mid-dar. Drawwa oħra kienet dik tal-ħuta fl-ikla ta' l-ewwel tas-sena, għax kienu jgħidu li hu jġib ir-risq u ibiegħed il-mard mas-sena.

F'dan il-folklor niltaqgħu ma xi ħxejjex, bebbux u xi annimali żgħar li taw sehemhom fil-Mediċina. Il-Ħall-il-Ward, magħmul mill-ħall ta' Malta u l-weraq tal-Warda Maltija kien jitqiegħed fuq il-moħħ jew kienu ixommuh biex isserraħ lil xi ħadd mill-uġigħ ta' ras. Is-"sambuka" kienet titħalla biex isaffi d-demm. Iċ-Ċentawra Maltija kienet titgħalla biex tfejjaq id-deni rqiq.

Il-"fejġel" għad li l-ilma mgħolli bih hu morr ħafna, dan kien jinxtorob għall-istonku u biex ifejjaq u jżomm id-diarrhoea.

Hemm min kien jgħalli l-fejġel fiż-żejt u wara jidlek bih għall-uġiegħ tal-ġogi.

Għall-brija u għall-qoxra tat-trabi bir-ras kienu jidilku ż-żejt il-lewż. Il-kubrit kienu jtuħ għat-tisfija tad-demm, meta xi ħadd kien ikollu l-ponot fuq il-ġilda.

Għat-tfewwiq, kien hemm l-ilma żgħar u biex joqgħod l-istonku, kien hemm il-Melissa. Minn ma rax nies iqegħdu basal mixwi fuq xi saba mimli bix-xewk tar-rizzi? Il-basal kien jitqiegħed ukoll meta xi naħla jew żunżan jagħti x-xewka lil xi ħadd.

Id-dieħes kien jitfejjaq billi kienu jgħaddsuh fil-mishun jgħali jew inkella b'xi ġbara tal-qalba tal-ħobż bil-ħalib.

L-uġiegħ ta' żaqq kien jiġi mserraħ bil-ġbara tal-kamomilla, jew inkella kienu jgħallu l-kamomilla u wara jixorbu l-ilma tagħha. Id-duda ta' l-imsaren kienet u għadha titneħħa b'emulsjoni taż-żerriegħa tal-qara aħmar. Is-seqi li iġib ħafna ikel fix-xitwa kienu iħokkulu b'ħurrieq. Il-qarnita fl-għajn kienet titfejjaq billi imissu l-baħbuħa mal-għajn, jew ħatem magħmul b'fossa ħamra, għamla ta' qarnita. Biex iserrħu lil xi ħadd mid-demm kienu iġibulu s-sangisugi (Mignatte).

Nixtieq ngħid ukoll xi ħaġa fuq iż-żejt taż-żaruna. Dan kien inġabar billi jħallu l-fwiet tal-ħuta zaruna iqattar, sakemm joħroġ iż-żejt kollu, ġo flixkun b'fommu wiesa u wara iqiegħdu rixa twila fih. Il-flixkun bir-rixa b'kollox kien jintefgħa fuq xkaffa u kull meta kien jinħtieġ kienu idu[illegible] għal dan iż-żejt. Kull minn kien jaqta l-ġilda kont tarah imur jiġri għand min kien ikollu dan iż-żejt merfuh, jaqbad ir-rixa minn ġol-flixkun u arah idellek il-qat[illegible] b'dan iż-żejt li ħafna drabi kien ikun kollu moffa. Dan ma kienx iġib tniġġis iżda wara, kont tara l-fejqan. Ħaġ'oħra li kienet tolqotni hija dik tal-Ħżież fil-wiċċ jew fil-ġisem. Dan kien jitfejjaq billi kienu jieħdu l-qamħ għand il-ħaddied. Dan kien iqiegħdu fuq l-inkwina, iqiegħed ħadida taħraq nhar fuq dan il-qamħ u biż-żejt li kien joħroġ mill-qamħ kienu jidilku fiq il-ħżież.

Wara darba jew tnejn il-ħżież kien ifieq.

Għad-duda fuq il-ġilda tal-wiċċ kienu iħokku t-tewm. Għas-suffejra kienu jsibu lil xi ħadd biex isewwilhom flixkun. Din kienet taħlita ta' rabarbru, żokkor u ħadid.

Issa ngħidu xi ħaġa fuq kif kienet titfejjaq il-fjammazzjoni ta' l-għajnejn. Kienu iġiegħlu t-tfal ipixxu u kif din tkun sħuna kienu jaħslulu għajnejh biha. B'din il-ħaġa ukoll kienu ifejqu ix-xlieqa tal-ħalq.

Biex l-għajnejn isaffew u wieħed jara iżjed aħjar, kienu jqiegħdu bajda tat-tiġieġa sħuna fuq l-għajnejn.

Għal min kien jinħanaq kienu jagħmlu kalzetta bil-melħ sħun mdawwra mall-għonq. Għall-ħruq kienu jfittxu jagħmlu l-ħalib jew inkella kienu ipixxu fuq il-ħarġa. Biex jitfejjaq id-deni kienu iġibu t-trab mill-Għar ta' San Pawl tar-Rabat jitqiegħed f'ostja li din ibilluha b'daqsxejn ilma.

Qabel ma nagħlaq nixtieq ngħid xi ħaġa fuq it-tabib ta' dari. Dan kien jilbes żarbun bil-bokkli, kien ikollu tabakkira tal-fidda u bastun bil-pun tal-fidda. Mal-polka, t-tabib kien iqiegħed ilsien San Pawl żgħir, imdendel bid-deheb. Ħafna drabi kont issib min jgħid li jekk il-marid ifieq, ikun fejjqu l-Qaddis, jekk imut qatlu t-tabib.

1403

## ATTIVITAJIET TAL-GHAQDA TAL-FOLKLOR MALTI

Dawn l-ahhar ftit snin, l-Ghaqda tal-Folklor Malti kella attivitajiet diversi.

| | |
|---|---|
| April 1971 | Wirja dwar Folklor Malti, fil-Muzew Nazzjonali |
| Lul-Aww'74 | Wirja dwar il-Weghda fil-Folklor (Ex-Voto) fil-Muzew Nazz. |
| 28-10-75 | 'Maltese Folklore' tahdita minn Guido Lanfranco, fil-Lybian Cultural Centre, Valletta. |
| 2-2-76 | Laqgha Generali fil-British Council, Valletta |
| 29-5-76 | 'Il-Folklore Malti Dari u l-Lum' tahdita minn Guido Lanfranco, li biha l-Ghaqda tal-Folklor Malti ippartecipat fis-seminar Arkitettura u Folklore fl-Istorja, organizzat mill-Ghaqda Storika Maltija, fic-Centru Kulturali tal-Gvern, il-Furjana. |
| Gunju 1976 | Wirja dwar Ilbies u Kostumi Antiki Maltin, fil-Muzew Nazz. |
| 24-10-76 | Zjara ghall-muzew tal-kunvent tal-Kapuccini fil-Furjana. |
| 27-11-76 | Diskussjoni Dwar il-Folklor Malti, Fl-Istitut Kulturali, Furjana. |
| 14-2-77 | Laqgha Generali fil-British Council, Valletta |
| 1-3-77 | Newsletter No.1 ippublikata (kompilata mis-Sur Arthur Leaver) |
| 30-3-77 | Film dwar il-Gimgha l-Kbira f'Hal-Qormi, fil-Cultural Centre il-Furjana, segwit minn diskussjoni li fiha ippartecipaw biex jirrispondu mistoqsijiet, Dr.C.Cassar, Raf.Bonnici Cali, Lorenzo Zahra, u Chev.Guze' Galea. |
| 2-6-77 | Nesletter No.2 ippublikata. |
| 29-6-77 | Diskussjoni dwar it-tradizzjoni ta' l-Imnarja, li sar fl-Istitut Kulturali tal-Gvern, il-Furjana; ippartecipaw fid-diskussjoni, Dr. C. Cassar, Raf. Bonnici Cali. |
| 11-11-77 | Delegazzjoni mill-Ghaqda, (Dr.C.Cassar, G.Lanfranco, Arthur Leaver) zaru lid-direttur tal-Muzewijiet, fil-palazz ta' l-Inkizitur, il-Birgu, fejn hemm il-hsieb isir Muzew tal-Folklor Malti, biex jiddiskutu u jaraw il-post. |
| 3-1-78 | Newsletter No. 3 ippublikata. |
| 27-1-78 | Laqgha Generali, fil-British Council, il-Belt. |
| 17-2-78 | 'Il-Poplu Malti u d-Drawwiet tieghu' minn G.Lanfranco,, fil-Youth Travel Circle, Triq Merkanti, Valletta. |

Il-Kumitat tal-Ghaqda jixtieq jirringrazzja lir-Representative tal-British Council, lid-Direttur ta' l-Istitut Kulturali, il-Furjana, talli ghogobhom jaghtu il-facilitajiet taghhom ghall-laqghat ta' l-Ghaqda.

Minn barra dawn l-attivitajiet li semmejna, xi membri tal-Kumitat ghamlu

attivitajiet ohra li irreklamaw lill-Ghaqda taghhom; ezempji huma dawn: Is-Sur Rafel Bonnici Cali, kellu ezibizzjoni ta pittura folkloristika, fil-knisja l-qadima tas-Salvatur, Hal-Lija, Ottubru 1977; minn dawn l-inkwatri kellu sitta stampati ghamla ta' Kalendarju 1978, mid-Dar ta' San Guzepp. Is-Segretarju, is-Sur Guido Lanfranco, kellu wkoll wirja ta' tpingija folkloristika, li saret bhala parti minn wirja f'Paceville, fis-sajf 1976; ghamel tahditiet dwar il-folklor Malti lill Ghaqda Kulturali il-Mosta(1976) Centru parrokkjali(Mosta, 1977), Centru Parrokkjali Sacro Cuor(Jan.'76), lill-istudenti ta' l-iskola sekondarja Ghola, il-Belt, fn'Nov.1976, (darbtejn) u fl-1977, lill-Adult Friendship Group, Floriana, (1-2-78); programmi fuq it-televizjoni f'Wirt Artna'(f'April, Gunju, Lulju, Awwissu 1977), u artikoli fil-Pronostku Malti(1976), u fit-Times of Malta, dwar l-Ghaqda tal-Folklor Malti(13-1-76), Some neglected aspects of local heritage(31-1-78); u dwar drawwiet ta' l-ewwel tas-sena(22 u 23, Jan.1976).

---

Minbarra l-attivitajiet li ssemmew hawn fuq, l-Ghaqda taghmel bosta attivitajiet ohra li ma jidhrux. F'dawn l-ahhar sentejn saru aktar sforzi biex issir ko-operazzjoni bejnl-Ghaqda u l-Ministeru tal-Kultura, biex malajr kemm jista' jkun jinfetah il-Muzew tal-Folklor Malta, li huwa mahsub li jkun fil-Palazz ta' l-Inkizitur, il-Birgu. Qed isiru wkoll sforzi biex iz-zaghzagh jippartecipaw aktar f'dak li huwa studju u prezervazzjoni talpFolklor Malti, u ghalhekk saret l-ewwel attivita' ghamla ta' tahdita illustrata fil-Youth Travel Circle, li kienet milqugha tajjeb, din is-sena.

---

L-Ghaqda tal-Folklor Malti twaqqfet ufficjalment fl-1964, ghalkemm ga kienhemm attentati minn Dr. C.Cassar, u J.Cassar Pullicino biex titwaqqaf l-ghaqda. Is-Sur J.Cassar Pullicino kien irnexxielu, b'hafna sforzi, jippublika 4 numri 'Malta Folklore Review' li iffurmaw volum indispensabbli dwar il-folklor Malti.

---

# FOLKLOR FUQ IL-KARROZZI TAN-NAR

MINN

RAFEL BONNICI CALI'

Min hu xih bhali aktarx jiftakar li l-karozzi li jimxu bla żwiemel kienu jissejhu minna l-Maltin "Karozzi tan-Nar", ghax waqt li jimxu kienu jarmu d-duhhan; mela kien fihom in-nar.

Dawn dehru fostna fi żmien il-Gwerra l-Kbira li bdiet fl-1914. Illum nafuhom aktarx bl-isem Ingliż, motor cars ghall-karrozzi żghar, imsejha wkoll karozzi tas-Sinjuri; u buses ghall-karrozzi kbar ghall-ġarr tal-passiġġieri.

Meta spiċċat il-Gwerra, fl-1918, uhud mill-karrozzi kbar li kellhom is-servizzi Ingliżi bdew jinbieghu bl-irhis lill-poplu u uhud minnhom ġew imdawwrin ghall-ġarr tal-passiġġieri, b'hekk beda s-servizz popolari mill-irhula ghall-Belt b'aktar heffa mit-tramvaj(Tram) u l-vapur tal-art (Ferrovija) li kellhom jinqerdu hesrem dwar l-1930.

Ghall-ewwel is-servizz tal-karrozzi kien bla organizzazjoni; kull sid ta' karozza beda jahdem ghalfejn irid, Malta kienet kollha tieghu u jahdem meta irid, daqqa fuq il-linja u daqqa jinkera ghal xi xalata etc.

Jien li trabbejt f'Ħal-Tarxien, niftakar lill-Celest, bniedem ħawtieli, li xtara ambulanza qadima tal-isptar tas-servizzi Ingliżi u dawwaraha f'karrozza billi żiedilha żewġ bankijiet fuq ġewwa u gallarija fuq wara biex iservi għad-dħul u l-inżul tal-passiġġieri. Huwa żebagħha kaħla ċara biex taqbel ma isem Ċelest u mal-ġnub tagħha barra żid l-isem b'ittri kbar TA'ĊELEST. Tgħidx kemm sar popolari man-nies tar-raħal, għax kien jaħdem għall-Belt, u meta jasal is-sajf, kien jaħdem għall-bajja ta' Birżebbuġia.

Għall-ewwel żmien il-karrozzi kienu jinżebgħu kif ifettillu sidhom, ngħidu aħna sid mill-Furjana kien aktarx jiżbogħ il-karrozza ħadra bħal lewn tal-klabb tal-Ballun Furjaniż, waqt li sid minn Tas-Sliema kien aktarx jgħażel il-lewn ikħal lewn tal-klabb Sliemis.

Dan kien jirrifletti l-lwien li kienu jinżebgħu id-dgħajjes tat-tigrija tal-Vittorja fil-Port il-Kbir, iżda il-karrozzi tal-passiġġieri żiedu tiżjin ieħor li jirrifletti l-puleni tal-bastimenti antiki, jiġifieri żiedu figuri u girlandi tal-fjuri pinġuti mal-ġnub tagħhom u fuq il-warrani tal-gallarija. Kienu fihom x'tara, xejn anqas mill-karrijiet ta' Sqallija li fuq il-ġnub tagħhom kienu ikun fihom tiżjin mill-

1407

isbaħ ta' xeni bil-figuri b'ħafna lwien.

Imma l-karrozzi tal-passiġġieri ta' Malta kienu ta' għamla speċjali u b'tiżjin kollu kemm hu Malti li ma jixbah lil ta' ħadd ieħor; kien kollu kemm hu folklor Malti li żviluppa fi ftit snin u ġie ukoll maħnuq ftit wara li twieled.

Fih daħlu mhux biss disinji ta' ward u ornat imma wkoll xbieħat ta' Qaddisin u nies oħra mportanti meħudin mill-istorja ta' Malta u tad-dinja kif iddur.

Niftakar sewwa li sid ta' karrozza mill-Belt żebgħah il-karrozza tal-passiġġieri ħamra għax huwa kien devot tal-Qaddis Martri San Pawl, u ried ix-xbieha tal-Qaddis fuq kull naħa tal-karrozza. Ried ukoll isib pittur biex ix-xbieha tkun sewwa sew kopja tal-vara tal-Qaddis li hemm fil-Bieb tal-Belt u dan qabbad lili.

Ix-xogħol inghoġob u għalhekk sidien oħra qabbduni npinġilhom Qaddisin u xbieħat oħra fuq il-karrozzi tagħhom. Biex ma ntawlux, sid minn Ħal-Qormi ried lil San Ġorġ fuq iż-żiemel; ieħor minn Ħaż-Żebbuġ ried lil San Filep, ieħor mill-Ħamrun ried lil San Gejtanu u oħrajn riedu lil San Ġużepp jew qaddisin oħra waqt li wieħed minn Għawdex ried lil San Pietru Pawl, il-patrun tal-parroċċa tan-Nadur.

1402

Dawn il-Qaddisin kienu juru fejn il-Karrozzi kienu jieħdu in-nies flok l-isem tal-belt jew raħal, imma meta l-karrozzi żdiedu deheru l-ismijiet ta' l-irħula fuq it-tabella (destination).

Kienu deheru ukoll xbiehat oħra bħal tal-President George Washington fuq karrozza ta' wieħed li darba kien l-Amerika, Tom Mix il-Cowboy, jew isem ta' xi artista taċ-ċinematografu ta' dak iż-żmien, kulħadd gostih. L-istorja ta' Malta ukoll wriet ruħha bl-ismijiet u xbihat tal-Granmastri La Valette, Cottoner u Pinto ecc. Kif ukoll b'Mannarinu u Mattew Callus. In-namrati ukoll ħadu sehem u niftakar l-ismijiet ta' Evelina, Pawlina u Melita.

Għall-ħabta tal-1927 il-Gvern ried li jsiru il-linji tal-karrozzi kull linja b'lewn għaliha u b'hekk dawk tal-Mellieħa bdew jinżebgħu bl-abjad, tar-Rabat bl-ikħal skur, ta' Birżebbuġia bl-ikħal ċar, ta' Tas-Sliema bl-aħdar skur, ta' Bormla b'aħdar ċar, ta' Birkirkara bl-aħmar, ta' Ħaż-Żebbuġ bl-isfar ecc. Imbagħad dwar l-1933, il-Gvern ma riedx aktar girlandi u ismijiet u lanqas xbiehat fuq il-qafas ta' barra tal-karrozzi tal-linja.

Illum għandna l-karrozzi tal-linja kollha ta' lewn

wieħed u jingħarfu bin-numru, imma s-sidien żammew ftit mit-tradizzjoni tal-folklor billi għadhom iżommu l-ġewwieni tal-karrozzi tagħhom bi xbiehat tal-Qaddisin tagħhom u xbiehat oħra li iħobbu imma l-aktar ħaġa popolari tagħhom hija l-Kliem Latin - "Verbum Dei Caro Factum Est" li xerred il-qaddis Dun Ġorġ Preca tal-Mużew fostna l-Maltin fl-istess ħin li deheru il-'motor cars'.

Jiena li kont imdaħħal sewwa f'dan il-qasam tal-folklor billi, kif ġa għidt kont imsejjaħ biex inpinġi dawk ix-xbihat, kont ukoll immaqdar minn sħabi l-artisti żgħażagħ għax dehrilhom li kont qiegħed inwaqqa l-arti fil-baxx, imma l-artisti xjuħ bħal Dwardu Caruana Dingli u Toni Micallef għamluli kuraġġ u tawni parir biex inkompli naħdem għax il-pittura fuq il-ħajt, fuq it-tila, fuq il-karta, fis-swali u fuq il-karrozzi hija dejjem arti jekk maħduma tajjeb. Din hija l-istorja ta' kif bdejt il-karriera tiegħi bħala pittur tal-Folklor meta kelli 18 il-sena.

# ENTERTAINMENT - PAST AND PRESENT

DR. V . M . PELLEGRINI, LL.D.

In 1894 Vincent Busuttil, a Government headmaster at Vittoriosa published a booklet entitled 'Holiday Customs in Malta', with a sub-title - Sports, usages, ceremonies, omens and superstitions of the Maltese people. For those who have not followed folklore and are not 'au courant' with the usages and customs of the Maltese people, this booklet provides a good introduction of Maltese folkore and a vivid picture of the way Maltese entertained themselves before the era opened opened up by the Cinema, Radio and Television.

Sporadic theatrical shows were attended by a section of the Maltese mostly those who lived in the capital city Valletta as well as the surrounding towns and villages, however, the peasants and other folk living in the far-off Casals had to wait patiently for their shareof entertainment which took place during a village festa or some national festivity connected with a historical event.

